DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Mejju 2010

li temenda l-Partijiet 1 u 2 tal-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward taċ-ċertifikati mudelli tas-saħħa tal-annimali minn stabbilimenti u għan-naħal u n-naħal bagħli

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2624)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/270/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni li mhumiex suġġetti għar-rekwiżiti ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE [1], u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 22 tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/65/KEE tippreskrivi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tal-klieb, tal-qtates u l-inmsa.

(2) Il-Parti 1 tal-Anness E ta' din id-Direttiva tistipula l-mudell taċ-ċertifikat ta' saħħa għall-kummerċ tal-annimali mill-istabbilimenti, inklużi l-klieb, il-qtates u l-inmsa.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u r-regoli li japplikaw għall-kontrolli fuq movimenti ta' dan it-tip. Japplika għall-movimenti bejn l-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi ta' pets tal-ispeċi elenkati fl-Anness I tiegħu. Il-klieb, il-qtates u l-inmsa huma elenkati fil-Partijiet A u B ta' dan l-Anness.

(4) Ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ivarjaw, skont l-Istat Membru ta' destinazzjoni u l-Istat Membru jew il-pajjiż terz tal-oriġini.

(5) Il-pajjiżi terzi li japplikaw għar-regoli ta' moviment mhux kummerċjali ta' pets li jkunu tal-inqas ekwivalenti għar-regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 998/2003 huma elenkati fit-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(6) Biex ikun evitat li movimenti kummerċjali jintwerew bil-qerq bħala movimenti mhux kummerċjali ta' pets fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 998/2003, il-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament jistipula li l-kondizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fid-Direttiva 92/65/KEE għandhom japplikaw għall-moviment ta' iktar minn ħames pets meta l-annimali jiddaħħlu fl-Unjoni minn pajjiż terż li mhuwiex elenkat fit-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(7) Flimkien ma' dan, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 388/2010 tas-6 ta' Mejju 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għadd massimu ta' pets ta' ċerti speċi li jistgħu jkunu soġġetti għall-moviment mhux kummerċjali jistipula li [3] l-ħtiġiet u l-kontrolli msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 għandhom japplikaw ukoll għall-moviment ta' klieb, qtates u inmsa bħala pets fejn l-għadd totali ta' annimali spustati fi Stat Membru minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz elenkat fit-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, jaqbeż il-ħamsa.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jistipula wkoll li għal perjodu tranżitorju il-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa fit-territorju tal-Irlanda, ta' Malta, tal-Iżvezja jew tar-Renju Unit għandu jkun soġġett għal ċerti rekwiżiti addizzjonali.

(9) Id-Direttiva 92/65/KEE tirreferi għal dawk ir-rekwiżiti addizzjonali biss fir-rigward tal-kummerċ ta' klieb, qtates u inmsa ddestinati għall-Irlanda, għall-Isvezja jew għar-Renju Unit.

(10) Il-mudelli taċ-ċertifikati għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni għandhom ikunu kompatibbli mas-sistema veterinarja integrata kkompjuterizzata "TRACES" żviluppata skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE [4].

(11) Biex ikun żgurat li r-rekwiżiti u l-kontrolli għall-movimenti mhux kummerċjali ta' aktar minn ħamest iklieb, qtates jew inmsa bħala pets fl-Istati Membri kollha, inkluża Malta, jiġu applikati b'mod uniformi, hu meħtieġ li jiġi adattat il-mudell taċ-ċertifikat ta' saħħa stipulat fil-Parti 1 tal-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE.

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
[2] ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.
[3] ĠU L 114, 7.5.2010, p. 3.
[4] ĠU L 216, 28.8.2003, p. 58.

(12) Flimkien ma' dan, il-mudell taċ-ċertifikat ta' saħħa għall-kummerċ intra-Komunitarju tan-naħal ħaj (*Apis mellifera*) u tan-naħal bagħli (*Bombus* spp.) hu stipulat fil-Parti 2 tal-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE.

(13) Dan iċ-ċertifikat jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-marda Amerikana tal-batteriji tal-larva (foulbrood) kemm għan-naħal kif ukoll għan-naħal bagħli. Dawn ir-rekwiżiti jippermettu biss il-moviment ta' naħal u ta' naħal bagħli minn żoni li huma ħielsa minn din il-marda. Jingħata perjodu ta' żmien ta' waqfien ta' 30 jum f'każ ta' tifqigħa li jkun applikat għal żona ta' tliet kilometri madwar il-post tat-tifqigħa.

(14) Fil-parti l-kbira tal-każijiet, madankollu, in-naħal bagħli jitrabba fi strutturi ambjentalment iżolati li huma kkontrollati regolarment mill-awtorità kompetenti u vverifikati għall-preżenza ta' mard. Stabbilimenti bħal dawn li huma rikonoxxuti minn u li qegħdin taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat x'aktarx li ma jiġux affettwati mill-preżenza tal-marda Amerikana tal-batteriji tal-larva (foulbrood) fir-raġġ ta' tliet kilometri stipulat fil-Parti 2 tal-Anness E b'kuntrast mal-kolonji fil-beraħ.

(15) Huwa għalhekk meħtieġ li l-mudell taċ-ċertifikat ta' saħħa jiġi emendat għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni fir-rigward ta' naħal ħaj u ta' naħal bagħli biex jiġu introdotti rekwiziti speċifiċi għas-saħħa tal-annimali li jikkonċernaw in-naħal bagħli imrobbi fi struttura ambjentalment iżolata.

(16) Il-Partijiet 1 u 2 tal-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.

(17) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness E għad-Direttiva 92/65/KEE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 tinbidel b'dan li ġej:

"Parti 1 – Ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ fl-annimali minn stabbilimenti (għasafar tal-priża, għasafar, lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)

92/65 EI

Komunità Ewropea **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Detalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodiċi Postali		I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza	I.2.a. Numru lokali ta' riferenza
		I.3. Awtorità Ċentrali kompetenti	
		I.4. Awtorità lokali kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali		I.6. Numru/I ta' ċertifikati oriġinali Numru/I ta' dokumenti li jakkumpanjawhom	
		I.7.	
I.8. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi
I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi
I.12. Pajjiż ta' origini/Pajjiz ta' ħsad Fond ☐ Isem Indirizz Kodiċi Postali	Numru approvat	I.13. Post ta' destinazzjoni Fond ☐ Stabiliment ☐ Korp approvat ☐ Ċentru ta' semen ☐ Tim embrijoniku ☐ Oħrajn ☐ Isem Indirizz Kodiċi Postali	Numru approvat
I.14. Post ta' tgħabija Kodiċi Postali		I.15. Data u ħin ta' tluq	
I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni		I.17. Trasportatur Isem Indirizz Kodiċi Postali	Numru approvat Stat Membru
I.18. Speċi ta' annimal /Prodott		I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi CN)	
		I.20. Numru/kwantità	
I.21.		I.22. Numru ta' pakketti	
I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' siġill		I.24.	

I.25. Annimali ċertifikati/prodotti ċertifikati għal

Tgħammir ☐ Simna ☐ Riproduzzjoni artifiċjali ☐ Qatla ☐ Pets ☐ Korp approvat ☐

I.26. Tranżitu minn pajjiz terz ☐		I.27. Tranżitu minn Pajjiżi Membri ☐	
Pajjiż terz	Kodiċi ISO	Stat Membru	Kodiċi ISO
Post ta' ħruġ	Kodiċi	Stat Membru	Kodiċi ISO
Post ta' dhul	Numru tal-BIP unit:	Stat Membru	Kodiċi ISO
I.28. Esportazzjoni ☐		I.29. Ħin estimat tal-vjaġġ	
Pajjiż terz	Kodiċi ISO		
Post ta' ħruġ	Kodiċi		

I.30. Pjan tar-rotta

Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni tal-annimali

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta ' identifikazzjoni	Numru ta ' identifikazzjoni	Sess	Età	Kwantità

PAJJIŻ **92/65 EI Annimali mill-istabbilimenti (għasafar tal-priża, għasafar, lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	**Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, is-sottoskritt veterinarju uffiċjali[1] / veterinarju responsabbli mill-istabbiliment tal-oriġini u approvat mill-awtorità kompetenti niċċertifika li:

jew (1) [II.1 fil-ħin tal-ispezzjoni l-annimali hawn fuq imsemmija kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 1/2005].

jew (1) [II.1 fil-waqt tal-ispezzjoni il-klieb domestiċi (1)/qtates (1)/inmsa (1) kienu b'saħħithom biex jivvjaġġjaw;]

II.2 il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE huma sodisfatti.

jew (1) [II.3.1 annimal(i) li jixtarr(u) (1)/suwidi (1) għajr dak/dawk kopert mid-Direttiva 64/432/KEE:

(a) jappartjeni(jappartjenu) lill-ispeċijiet ..... ;

(b) fil-waqt tal-eżami, ma jurux(ma jurix) xi sinjal kliniku ta' xi mard li għalih huwa/huma suxxettibbli;

(c) ġejjin(ġej) minn merħla (1)/stabbiliment (1) li huwa uffiċjalment ħieles minn tuberkoloži (1)/uffiċjalment ħieles mill-bruċelloži (1) jew minn merħla (1)/stabbiliment (1) ħieles/ħielsa mill-bruċelloži (1) li mhumiex suġġetti għar-restrizzjonijiet tal-marda tal-ħnieżer jew minn stabbiliment fejn kien/u suġġett/i b'riżultati negattivi għat-test(ijiet) stipulati mill-Artikolu 6(2) (b) tad-Direttiva 92/65/KEE].

jew (1) [II.3.1 għasafar għajr dawk imsemmija fid-Direttiva 90/539/KEE

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 92/65/KEE; kif ukoll

(b) fil-waqt tal-eżami, ma jurux(ma jurix) xi sinjal kliniku ta' xi mard li għalih huwa/huma suxxettibbli.]

jew (1) [II.3.1 il-lagomorfi

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/65/KEE; kif ukoll

(b) fil-waqt tal-eżami ma wrewx xi sinjal kliniku ta' mard.]

jew (1) [II.3.1 klieb (1)/ qtates (1)/inmsa (1)

jew (1) [(a) jissodisfaw, skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 92/65/KEE, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 5 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003,]

jew (1) [(a) jissodisfaw, skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 92/65/KEE, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 6 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003,]

jew (1) [(a) jissodisfaw, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (EU) Nru 388/2010; ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 92/65/KEE fejn l-għadd totali ta' annimali pets li ġew spustati għal raġunijiet mhux kummerċjali jaqbeż il-ħamsa,]

jew (1) [(a) jissodisfaw, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 388/2010, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 92/65/KEE, fejn l-għadd totali ta' annimali pets li ġew spustati għal raġunijiet mhux kummerċjali lejn l-Irlanda, Malta, l-Iżvezja jew ir-Renju Unit jaqbeż il-ħamsa,]

kif ukoll (b) għaddew minn eżami kliniku, fi żmien 24 siegħa mill-kunsinna, minn veterinarji awtorizzat mill-awtorità kompetenti, u dan l-eżami wera li l-annimali huma b'saħħithom.]

II.4 Il-garanziji addizzjonali fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B [2] tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej: (1)

Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.5: Mhux applikabbli għall-moviment għal għanijiet mhux kummerċjali ta' pets (klieb, qtates u inmsa) li jaqbżu t-total ta' ħamsa.

— Kaxxa ta' referenza I.6: Nru.(i) ta' dokumenti mehmuża: CITES, jekk applikabbli.

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi HS xieraq: 01.06.19, 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39.

— Kaxxa ta' referenza I.31: Identifikazzjoni: l-identifikazzjoni individwali għandha tiġi użata kulfejn hu possibbli iżda fil-każ ta' annimali żgħar, identifikazzjoni tal-grupp tista' tintuża.

PAJJIŻ **92/65 ElAnnimali mill-istabbilimenti (għasafar tal-priża, għasafar, lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)**

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II:

(1) Ingassa fejn ma japplikax.
(2) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji addizzjonali skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni.

— Il-kulur tal-bolla u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-partikularitajiet l-oħra fiċ-ċertifikat

Veterinarju uffiċjali/approvat

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:"

(2) Il-Parti 2 tinbidel b'dan li ġej:

"Il-Parti 2 – Ċertifikat tas-Saħħa għall-kummerċ fin-naħal u n-naħal bagħli

92/65 EII

Komunità Ewropea **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Detalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza | I.2.a. Numru lokali ta' riferenza

I.3. Awtorità Ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO | I.9.

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.11.

I.12. Pajjiż ta' origini/Pajjiż ta' ħsad
Fond ☐ Oħrajn ☐
Isem Numru approvat
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Fond ☐ Oħhrajn ☐
Isem Numru approvat
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14. Post ta' tgħabija
Kodiċi Postali

I.15. Data u ħin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Speċi ta' annimal/Prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi CN)
01.06.90

I.20. Numru/kwantità

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill

I.24.

I.25. Annimali ċertifikati/prodotti ċertifikati għal
Tgħammir ☐ Transhumance (caqliq ta' ghanem) ☐

I.26. Tranżitu minn pajjiz terz ☐
Pajjiż terz Kodiċi ISO
Post ta' ħruġ Kodiċi
Post ta' dhul Numru tal-BIP unit:

I.27. Tranżitu minn Pajjiżi Membri ☐
Stat Membru Kodiċi ISO
Stat Membru Kodiċi ISO
Stat Membru Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż terz Kodiċi ISO
Post ta' ħruġ Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-annimali
Speċi (Isem xjentifiku) Kwantità Numru tal-baċċ

PAJJIŻ **92/65 Ell Naħal (*Apis mellifera*) u naħal bagħli (*Bombus* spp.)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, is-sottoskritt niċċertifika li:

II.1

jew ([2]) [(a) in-naħal /in-naħal bagħli ([2]) ġej minn żona li mhijiex soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni assoċjata mal-preżenza tal-American foulbrood. (Il-perjodu ta' projbizzjoni tkompla għall-inqas għal 30 jum wara l-aħħar każ irreġistrat u d-data li fiha l-qolol f'radju ta' tliet kilometri ġew ikkontrollati mill-awtorità kompetenti u kull qolla infettata maħruqa jew ittrattata u spezzjonata għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti msemmija),]

jew ([2]) [(a) in-naħal bagħli ġej minn struttura ambjentalment iżolata rikonoxxuta minn jew taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li huwa ħieles mill-American foulbrood u li kienu spezzjonati minnufih qabel it-tluq u li n-naħal bagħli kollu u l-ħażna għat-trobbija ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-marda,]

kif ukoll (b) in-naħal/in-naħal bagħli ([2]) ġej minn żona ta' raġġ ta' mill-inqas 100 km li mhi soġġetta għall-ebda restrizzjoni assoċjati mas-suspett jew mal-preżenza kkonfermata tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal (*Aethina tumida*) jew tat-Tropilaelaps mite (*Tropilaelaps* spp) u fejn dawn l-impestazzjonijiet mhumiex preżenti,

kif ukoll (c) in-naħal/in-naħal bagħli ([2]) kif ukoll l-imballaġġ tagħhom għadda minn eżami viżwali biex tinkixef il-preżenza tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal (*Aethina tumida*) jew il-bajd jew il-larva tagħha, jew impestazzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari t-Tropilaelaps mite (*Tropilaelaps* spp.), li taffetwa lin-naħal

II.2 il-garanziji addizzjonali fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B ([1]) tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej ([2]):

Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.31: Speċi: daħħal l-*Apis mellifera* jew il-*Bombus* spp.

Kwantità: agħti n-numru ta' kolonji.

In-numru tal-lott: agħti n-numru ta' siġilli fejn applikabbli.

Parti II:

([1]) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji addizzjonali skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni.
([2]) Ingassa fejn ma japplikax.

— Il-kulur tal-bolla u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-partikularitajiet l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju approvat jew uffiċjali approvat

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:"